# PAWLU TELAQ

Kien ilu ħafna jgħid li jrid isiefer. Qalbu kienet tixxennaq xħin kien jisma' min jitkellem fuq il-witat u x-xagħri ta' l-artijiet ta' barra—jew inkella fuq l-ibliet kbar--it-toroq bla tarf imdawla bi dwal imżewqa. Għalih is-safar kien ħolma, l-artijiet ta' barra kien idonnihom ġenna. Is-safar! din il kelma għalih kienet seħer: malli jisma' 'l xiħadd ilissinha qalbu kienet tħabbat iktar imgħaġġla; f'moħħu kienu jidhru artijiet imbiegħda—ġeġwiġija ta' nies ta' kull lewn, ta' kull ġens u ta' kull ilsien. Lejl u nhar is-safar fi ħsiebu—moħħu dejjem ihewden fil-bogħod.

Kont narah xi darba jagħżaq, raġel mibni b'saffejn, wiċċ samrani b'żewġ għajnejn suwed tuta jibbru: xbiha ta' saħħa u ta' hena; minn tagħna kemm tridu, l-għaxqa t'ommu u ta' missieru kif ukoll tax-xbejbiet kollha tar-raħal.

"Ma ndumux hawn", kien jgħidli, "u hawn—hawn m'hawn xejn; tmur hemmhekk tista' xi darba tiġi nies. Mela hawn! kull min mar kullħadd ġieb uqitejn miegħu. Issa hemm Ġużepp ta' Kanġu ma ġiebx flus kemm jasa' ġildu? jew inkella Wiġi ta' l-Iswed x'jonqsu? Minn hawn kien sa jfaddal biex jixtri dak ir-raba'! Le, le, hawn m'hawn xejn; issa la waħħalt f'rasi li mmur, immur imqar kieku naf x'naf."

Għaddew xahar, tnejn, tlieta; dejjem l-istess: is-safar tiela' u s-safar nieżel. Taħbit minn hawn, taħbit minn hemm: issa għand l-aġent tal-vapuri, issa għand it-tabib għall-vista—kollox jagħmel bil-ħerqa, ferħan sa jtir għax fl-aħħar sa jsiefer. Ommu l-ħin kollu ddur bih: issa ġġiblu l-ħwejjeġ minn għand il-ħajjat, issa tgħaddilu l-ħwejjeġ, dejjem ma dwaru m'għandhiex qalb, m'għandhiex sabar twarrab minn mnejnu. Issa titniehed tnehida minn qiegħ qalbha, issa demgħa sħuna ġġelben minn fuq ħaddejha. Ħsebijiet wieħed fl-ieħor kienu dejjem għaddejjin minn moħħa. Daqqa tiftakar kemm bennitu, kemm kienet titgħaxxaq bih tarah rieqed ġon-nieqa tax-xkora; daqqa tisthajlu għadu tifel ċkejken, wiċċu mfaqqa', dejjem imdendel ma' djulha. Kienet tiftakar kemm ferħet meta tqarben l-ewwel darba, meta libes l-ewwel qalziet twil, meta kien taha l-ewwel uqitejn li daħħal. Siekta, kelma li kelma ma tlissinx il-ħin kollu. Moħħa mhux fli qed tagħmel iżda ħsebijietha mtajra, jew aħjar, miġbura fuq ħaġa waħda, jitbiegħdu biex jiġbru u jlaqqtu mill-irkejjen tal-ħajja l-imgħoddija il-ġrajjiet kollha ta' binha. "Min jaf nerġax narah" tgħid bejnha u bejn ruħha "u jien sirt xiħa; sa nibqa' ħajja sa ma jiġi"; u f'daqqa waħda ħsebijietha jduru u tisthajlu mar u ġie mill-ġdid—għani u ferħan.

Wasal il-jum meta kellu jitlaq; minn filgħodu kmieni ħbiebu nġabru biex jagħtuh "il-vjieġġ it-tajjeb". Daru kollha miegħu fl-għorfa ta' fuq. Kien fihom tassew x'tara: Pawlu bilqiegħda fin-nofs, il-ġlekk imqammat miegħu, il-kappell f'idu u l-oħrajn ma' dwaru bl-imħatra min igħajjat l-aktar biex iwissih. Issa waħda tgħidlu biex jiftakar dejjem fil-Bambin, issa l-ieħor li jidhirlu li jaf ħafna għax darba kien mar sa Marsilja, isefsiflu f'widintu biex joqgħod attent ma' min jagħmilha: kollha jridu jgħidulu kelma għall-aħjar qabel imur. Pawlu jkompli ma' kulħadd b'dik il-ħlewwa żorra tal-bdiewa tagħna. Il-ħila donnha naqsitu dak il-ħin—għajnejh, is-soltu dejjem ileqqu kienu miksura. Jiena dħalt fejnu—taptaptlu fuq spalltu u ħadtlu b'idu. L-għafsa ta' dik l-id ħarxa u felħana u l-ħarsa li tafa' fuqi kienu jfissru ħafna. Ommu bisitu, u missieru qallu: "Mur ibni, il-Bambin ibierkek." Għafsa ta' id; ħarsa—bewsa; u żewġt iqlub iħabbtu taħbita waħda u l-imħabba jew inniket tal-waħda jitħalltu ma' ta' l-oħra u jsiru ħaġa waħda!

Il-karozza waslet wara l-bieb. It-twieqi tal-ġirien tbexxqu u minn warajhom u minn wara l-purtieri n-nisa kurjuża kienu qed jgħarrxu u jpaċpċu minn taħt ilsien. Oħrajn ħarġu barra fit-triq, xagħarhom imħabbel u trabi smajrin fi ħdanhom. Pawlu bies għal darba oħra 'l ommu—u żewġ bagalji daqshiex f'idu, intafa' ġol-karozza. Tut-tut; sħaba trab u l-karozza għabet fil-bogħod. Il-ħbieb u l-qraba nġabru lejn djarhom; it-twieqi ngħalqu bil-mod il-mod; in-nisa kurjuża warrbu mit-triq u minn wara l-purtieri, fil-waqt li Pawlu kien qiegħed dejjem iktar jitbiegħed minn dar ommu—joħlom ġid, riżq u għana fl-artijiet ta' xewqatu.

A. Calleja
(Student tal-Letteratura)